



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 13.5.2015  
COM(2015) 269 final

Rakkomandazzjoni għal

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**fuq il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Awstrija għall-2015**

**u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Awstrija tal-2015**

Rakkomandazzjoni għal

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**fuq il-Programm Nazżjonali ta' Riforma tal-Awstrija għall-2015**

**u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Awstrija tal-2015**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika<sup>1</sup>, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea<sup>2</sup>,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew<sup>3</sup>,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għat-tkabbir u l-impjiegi, bl-isem ta' *Ewropa 2020*, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi. L-istrateġija tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni biex il-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività jingħata spinta.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri. Flimkien dawn jiffurmaw il-'linji gwida integrati' li l-Istati Membri ġew mistiedna jikkunsidrawhom fil-politiki nazżjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.
- (3) Fit-8 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma tal-Awstrija għall-2014 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Awstrija għall-perjodu 2014. Fit-

<sup>1</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

<sup>2</sup> COM/(2015)269

<sup>3</sup> P8\_TA(2015)0067, P8\_TA(2015)0068, P8\_TA(2015)0069.

28 ta' Novembru 2014, skont ir-Regolament (UE) Nru 473/2013<sup>4</sup>, il-Kummissjoni ppreżentat l-opinjoni tagħha dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-Awstrija għall-2015<sup>5</sup>.

- (4) Fit-28 ta' Novembru 2014, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir<sup>6</sup>, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2015. Fl-istess ġurnata, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija<sup>7</sup>, li fih l-Awstrija ma ġietx identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li dwarha għandha titwettaq analiżi fil-fond.
- (5) Fit-18 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex tingħata spinta lill-investment, biex b'hekk jiġu aċċelerati r-riformi strutturali u tkomplet it-triq lejn konsolidazzjoni fiskali responsabbli li tiffavorixxi t-tkabbir.
- (6) Fis-26 ta' Frar 2015, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tagħha tal-pajjiż tal-2015 għall-Awstrija<sup>8</sup>. Dan ivvaluta l-progress li għamlet l-Awstrija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fit-8 ta' Lulju 2014.
- (7) Fil-21 ta' April 2015, l-Awstrija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2015 tagħha u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2015 tagħha. Biex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.
- (8) L-Awstrija bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija soġġetta għar-regola tranżitorja tad-dejn matul il-perjodu 2014-2016. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2015, il-gvern qed jippjana biex itejjeb l-iżbilanċ nominali b'mod gradwali għal 2.2 % tal-PDG fl-2015 u jkompli għal 0.5 % tal-PDG fl-2019. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, l-oġġettiv ta' terminu medju – defiċit strutturali ta' mhux aktar minn 0.45 % tal-PDG – intlaħaq fl-2014, u l-gvern qed tippjana li jilħaq l-oġġettiv ta' terminu medju matul il-perjodu tal-programm. Madankollu, il-kalkolu mill-ġdid tal-bilanċ strutturali jindika devjazzjoni mill-oġġettiv ta' terminu medju mill-2015. Il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern huwa mistenni li jilħaq il-livell massimu ta' 86.8 % fl-2015 u li jonqos gradwalment għal 79.7 % fl-2019. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati l-projezzjonijiet tal-baġit fil-programm huwa plawsibbli. Madankollu, miżuri li jappoġġaw il-miri ipplanati tad-defiċit mill-2016 'il quddiem għadhom ma ġewx speċifikati biżżejjed. Ibbażat fuq it-tbassir tar-Rebbiegħa 2015 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa previst li jiddevja b'0.4 % tal-PDG mill-oġġettiv ta' terminu medju mill-2015. Id-devjazzjoni hija mistennija li ssir sinifikanti fl-2016 fid-dawl tad-deterjorament ta' 0.6 % tal-PDG ipprojetat tal-bilanċ strutturali meta mqabbla ma' 0.3 % tal-aġġustament strutturali tal-PDG meħtieġa sabiex jintlaħaq l-oġġettiv fuq terminu medju tagħha. Dan jimplika devjazzjoni ta' madwar 0.9 % tal-PDG mir-rekwiżit tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għalhekk, se jkun hemm bżonn iktar miżuri. Fl-istess ħin, skont il-Programm ta' Stabbiltà u t-tbassir tar-rebbiegħa 2015 tal-Kummissjoni, id-dejn gross se jibqa' nieżel 'l isfel skont ir-regola tranżitorja tad-dejn fl-2015 u l-2016. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà u filwaqt li titqies il-previżjoni tar-Rebbiegħa tal-2015 tal-Kummissjoni, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li hemm riskju li l-Awstrija ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

<sup>4</sup> ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11.

<sup>5</sup> C(2014) 8811 finali, 28.11.2014.

<sup>6</sup> COM(2014) 902, tas-28.11.2014.

<sup>7</sup> COM(2014) 904 finali 28.11.2014.

<sup>8</sup> SWD (2015) 39 finali, 26.2.2015.

- (9) Ir-relazzjonijiet bejn il-livelli differenti tal-gvern għadhom kumplessi, u jikkawżaw telf ta' effiċjenza f'setturi kruċjali tal-amministrazzjoni pubblika. L-Awstrija tibqa' wieħed mill-pajjiżi bl-iktar livell baxx ta' taxxi proprji subnazzjonali f'perċentwali tal-PDG. Minkejja dan il-livell baxx ta' awtonomija fiskali, il-gvernijiet subnazzjonali jkollhom diversi ta' nfiq u responsabbiltajiet amministrattivi. Il-livell għoli ta' kumplessità u ta' allinjament ħażin bejn id-dħul u r-responsabbiltajiet tal-infiq ma jifavorixxix l-implimentazzjoni ta' riformi politiki wiesgħa.
- (10) Is-sostenibbiltà fiskali fit-tul tas-sistemi tal-pensjoni Awstrijaċi għadha tbatu minn dgħufijiet strutturali. Ir-riformi tal-Awstrija sa issa ma jidhru li huma biżżejjed biex jiżguraw is-sostenibbiltà fiskali fit-tul tas-sistema. L-ewwel nett, l-età effettiva ta' rtirar tibqa' inqas b'mod sinifikanti mill-età statutorja tal-irtirar. It-tieni, l-età statutorja tal-irtirar tan-nisa hija ħafna iktar baxxa minn dik tal-irġiel u mhux se tiżdied sal-2024. It-tielet, l-età statutorja tal-irtirar għadha mhux marbuta flimkien mal-fatt li l-għomor dejjem qed jiżdied fl-Awstrija. L-Awstrija haċet xi miżuri biex tiżdied l-età effettiva tal-irtirar, li issa hija ta' 59.7 sena (2014), iżda li għadha taħt il-medja tal-UE ta' 63.1 sena (2013). Ġew stabbiliti miżuri li jwaqqfu l-każijiet ta' skemi ta' irtirar kmieni u ta' invalidità, u b'hekk jittawwlu l-ħajjiet tax-xogħol. Barra minn hekk, il-piena għal kull sena ta' irtirar kmieni kif ukoll il-perjodu ta' servizz pensjonabbli meħtieġ biex wieħed jikkwalifika għal skemi bħal dawn żdiedu. Għadu mhux ċar jekk l-effetti baġitarji pożittivi mistennija ta' dawn il-miżuri humiex se jseħħu.
- (11) L-infiq tal-Awstrija fil-kura tas-saħħa jikklassifika fost l-oġħla fl-UE. Ir-riforma kontinwa tal-kura tas-saħħa (2013-2016) għandha l-għan li mill-2016 tistabbilizzaha bħala proporzjon tal-PDG. Madankollu, anki jekk ir-riformi li jirnexxu, is-sostenibbiltà fiskali u l-effiċjenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa għadhom qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi strutturali. Għandhom jittieħdu l-miżuri issa fir-rigward tal-perjodu wara l-2016. Pereżempju, aktar pazjenti għandhom jiġu ttrattati f'kuntesti multidixxiplinari ta' kura primarja għal pazjenti ta' barra u t-tul medju taż-żjara għal kura fl-isptar għandu jitnaqqas aktar.
- (12) Li tiżgura d-disponibilità fit-tul ta' xogħol ikkwalifikat b'mod adegwat għadha sfida għall-Awstrija. Ir-rata tal-qgħad ta' madwar 5.6 % hija fost l-aktar baxxa fl-UE, iżda l-potenzjal tas-suq tax-xogħol ta' ċerti partijiet tal-forza tax-xogħol mhuwiex qiegħed jiġi sfruttat bis-sħiħ. L-Awstrija haċet ċerti miżuri biex ittawwal il-ħajjiet tax-xogħol, tiffaċilita aħjar il-parteċipazzjoni min-nisa fis-suq tax-xogħol u tisfrutta aktar bis-sħiħ il-potenzjal ta' parteċipanti li jkollhom sfond ta' migrazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż permezz ta' rikonoxximent aħjar tal-kwalifiki tagħhom. Madankollu, ir-riformi riċenti jridu jiġu mmonitorjati mill-qrib u aktar miżuri huma meħtieġa biex jintuża bis-sħiħ il-potenzjal tas-suq tax-xogħol ta' dawn il-gruppi.
- (13) Fit-13 ta' Marzu 2015, l-Awstrija ppreżentat pjan ta' riforma komprensiva tat-taxxa mmirata biex jiġu fformati mill-ġdid il-kategoriji tat-taxxi u r-rati mit-taxxa fuq dħul personali, b'mod partikolari bit-tnaqqis tar-rata ta' dħul tat-taxxa fuq dħul personali minn 36.5 % għal 25 %. Il-ħelsien mit-taxxa huwa stmat li jammonta għal EUR 4.9 biljun, filwaqt li EUR 300 miljun ta' nefqa addizzjonali hija maħsuba biex jiġu appoġġati kemm il-politika tal-familja kif ukoll l-attivitajiet ta' rikerka. Skont il-proposta, il-bidla fit-taxxa se tiġi iffinanzjata parzjalment permezz tal-ġlieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa, billi jitnaqqas l-infiq pubbliku, jiżdiedu r-rati mnaqqsa tal-VAT għal 13 % f'xi oqsma u tiżdied it-taxxa fuq id-dħul tal-kapital minn 25 % għal 27.5 %. Dawn il-pjanijiet ta' riforma huma ġeneralment skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-2014. Dawn probabbilment se jiżdidu l-inċentivi għax-xogħol għal daww l-individwi b'potenzjal ta' dħul baxx u għat-tieni sors ta'

dħul, u jappoġġaw l-introjtu disponibbli. Madankollu, ir-riforma għandha tiġi implimentata b'mod li ma jaffettwax il-baġit.

- (14) Is-sistema skolastika tal-Awstrija hija kkaratterizzata minn għadd żgħir ta' studenti li jutilqu mill-iskola qabel iż-żmien, ferm anqas mill-medja tal-UE. Sistema b'saħħitha u li taħdem sew ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (ETV) tipprovdi l-ġbir flimkien fuq skala kbira ta' ħaddiema b'ħiliet ta' livell għoli. Madankollu, it-titjib tal-eżiti edukattivi u għalhekk l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh bi status soċjoekonomiku baxx, b'mod partikolari dawk li ġejjin minn ambjent ta' migrazzjoni, tibqa' sfida. L-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' sistema ta' skola sekondarja ġdida (*Neue Mittelschule*) uriet nuqqasijiet li għad iridu jiġu indirizzati.
- (15) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kunsill konsistentement irrakkomanda li l-Awstrija għandha ttejjeb u tippromwovi l-kompetizzjoni fis-servizzi, iżda r-rispons ta' politika kien limitat sa issa. Il-forma ġuridika, il-parteciġipazzjoni azzjonarja u r-rekwiżiti tariffarji għadhom fis-seħħ għal diversi professjonijiet, li joħlqu ostakli regolatorji għall-aċċess għas-suq u jipprevjenu lill-professjonisti jew lill-kumpaniji professjonali minn Stati Membri oħra milli jistabbilixxu negozju fl-Awstrija. Fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' evalwazzjoni reċiproka, l-Awstrija qed tagħmel rieżami tar-regoli tagħha dwar l-aċċess għal professjonijiet u t-twettiq ta' attivitajiet professjonali li jivvalutaw jekk humiex proporzjonati u fl-interess ġenerali. Meta mqabbla mal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni fi Stati Membri oħra, l-awtorità Federali tal-Kompetizzjoni ma għandhiex biżżejjed riżorsi u dan ifixkel aktar l-azzjoni effettiva.
- (16) Is-settur bankarju tal-Awstrija baqa' reżiljenti, iżda għadu qed jiffaċċja għadd ta' sfidi kemm lokali kif ukoll fir-rigward ta' skoperturi barranin vulnerabbli. Il-kapitalizzazzjoni tas-settur bankarju kompliet titjeb fl-2014, iżda l-profitabbiltà tal-banek Awstrijaċi baqgħet taħt pressjoni. Ħamsa mis-sitt l-ikbar istituzzjonijiet ta' kreditu Awstrijaċi fl-2014 għaddew mill-valutazzjoni komprensiva tal-BĊE, bl-eċċezzjoni ta' Österreichische Volksbanken (ÖVAG). L-Awstrija għamlet progress konsiderevoli fir-ristrutturar ta' ÖVAG u Hypo Group Alpe Adria (HGAA). Fi Frar 2015, madankollu, Heta Asset Resolution, il-kumpanija għall-ġestjoni tal-assi li jirriżultaw mill-qsim ta' HGAA, instab li kellha nuqqas ta' kapital ta' EUR 7.6 biljun. Bħala proprjetarju 100 % ta' Heta Asset Resolution, il-gvern irreaġixxa billi iddikjara moratorju ta' 15-il xahar fuq pagamenti prinċipali u tal-imgħax għall-bonds tal-kumpanija li jiswew madwar EUR 10 biljun, billi jsir użu għall-ewwel darba mill-għodod ġodda skont id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek.
- (17) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Awstrija u ippublikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2015. Il-Kummissjoni vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm ta' Riforma Nazzjonali u s-segwitu mgħoti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Awstrija fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Awstrija imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni Ewropea billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn 1 sa 4 ta' hawn taħt.

- (18) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-Awstrija, u l-opinjoni tagħha<sup>9</sup> hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni 1 ta' hawn taħt.
- (19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet ukoll analiżi tal-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro inġenerali. Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hi l-euro. L-Awstrija għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Awstrija tieħu azzjoni fl-2015 u l-2016 biex:

1. Tevita devjazzjoni mill-objettiv ta' terminu medju fl-2015 u l-2016. Tiżgura n-newtralità baġitarja tar-riforma fiskali mmirata biex jitnaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol. Tallinja l-finanzjament u l-poteri ta' nfiq tad-diversi livelli tal-gvern. Tieħu miżuri biex tiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, inkluż billi tmexxi 'l quddiem l-armonizzazzjoni tal-età statutorja tal-irtirar għall-irġiel u għan-nisa u billi torbot l-età statutorja tal-irtirar mal-istennija tal-għomor.
2. Issaħħaħ il-miżuri li jżidu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema ikbar fl-età u n-nisa, inkluż permezz ta' titjib fl-għoti ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal u servizzi ta' kura fit-tul. Tieħu passi biex ittejjeb l-eżiti edukattivi taż-żgħażaġh żvantaġġati.
3. Tneħħi l-ostakli sproporzjonati għall-fornituri tas-servizzi u l-impedimenti biex jitwaqqfu kumpaniji interdixxiplinarji.
4. Tiffinalizza r-ristrutturar kontinwu tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tindirizza l-vulnerabbiltajiet potenzjali tas-settur finanzjarju tagħha fir-rigward ta' skopertura barranija u kwalità tal-assi insuffiċjenti.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>9</sup> Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.